# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26

It-Tnejn 8 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ħa sehem f'laqgħa b'urġenza *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2021 fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 26.1 Talba

26.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 26.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 26.3 Il-Proċess tal-Ħatra ta' Skrivan/a fi skala 15 *part time*;

26.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-ħatra ta' skrivan/a *part-time* fi skala 15. Ir-rapport jelenka l-proċess kollu ta' din il-ħatra u jirrakkomanda lis-Sur J. Bajada biex jiġi magħżul għal dan l-impjieg minħabba li ġab l-akbar ammont ta' marki wara li saru l-intervisti lill-applikanti interessati u eliġibbli. Is-Sur Horace Micallef qal li r-rapport ma rahx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x'ħin irid jista' jiġi l-Kunsill u jara r-rapport tal-Bord tal-Għażla.

26.3.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport u laqa' r-rakkommandazzjoni tal-Bord tal-Għażla biex il-Kunsill jimpjiega lis-Sur J. Bajada.

## 26.4 Proġett ta' tisbieħ bil-porfido – Ittra Legali minn resident

26.4.1 Is-Sindku informa li l-kuntrattur beda jħammel minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u wasal sa kważi terz fuq wara tas-sangristija. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sur J. Grima, *Archeological Monitor,* qed isir ukoll il-knis tal-blat. Kif kien hemm qbil verbalment, dan qed isir mis-Sur J. Theuma li ta prezz ta' €8.00 is-siegħa, filwaqt li l-istima tal-kuntrattur kienet €28.32 is-siegħa. Issa rridu nistennew madwar ħmistax il-ġurnata sabiex joħroġ ir-rapport tal-SCH. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta imejl mibgħuta mill-kuntrattur *Little Rock Quarry Ltd* fejn qed jinforma lil-Kunsill li avviċinawh mill-Ministeru għal Għawdex biex fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali jsir *culvert,* u bdil tas-servizzi tad-drenaġġ u tal-mejns ta' l-ilma ta' maġenb il-knisja. Dawn l-ispejjeż se jkunu mħallsa mill-Ministeru għal Għawdex. Dan dejjem bil-kundizzjoni li ma jtellifx ix-

xogħlijiet li huma għaddejjin u li l-Kunsill ma' jidħolx responsabbli ta' permessi li jista' jkun hemm involuti. Kien hemm qbil. Hu kompla billi qal li nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2021, il-Kunsill irċieva ittra legali mingħand resident li għandu garaxx fejn qed isir ix-xogħol u dan qed jilmenta li x-xogħlijiet qed jostakolawh milli jidħol u joħroġ mill-garaxx. Din l-ittra intbagħtet ukoll lil-kuntrattur, avolja indirizzata lil-kumpanija differenti. Is-Sindku talab biex tinqara din l-ittra. Is-Sindku talab biex jitqabbad Avukat u ppropona lil Dr Chris Said biex jidderieġi l-Kunsill u jwieġeb din l-ittra. Il-Kunsill qabel. Is-sitwazzjoni hi li bħalissa dan ir-resident m'għandux ostakli biex joħroġ u jidħol mill-garaxx imma xi darba jkun imiss quddiem tiegħu. Is-Sindku fakkar li madwar 21 sena ilu l-Kunsill għadda minn każ simili fi Trejqet Bieb il-Għajn.

Il-laqgħa ntemmet fl-4.20 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv